

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1828

tat-30 ta' Ottubru 2019

**li jemenda d-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti stabbiliti għall-kuntratti pubbliċi tal-provvisti, tas-servizzi u tax-xogħlijiet, u għall-kompetizzjonijiet tad-disinn**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (¹), u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(5) tagħha,

Billi:

- (1) Permezz tad-Deċiżjoni 2014/115/UE (²), il-Kunsill approva l-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern (³) ("il-Ftehim") konkluż fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. Il-Ftehim huwa strument plurilaterali u għandu l-għanu l-għan li jiftaħ is-swieq tal-akkwist pubbliku b'mod reċiproku fost il-partijiet kontraenti tiegħu. Huwa jaapplika għal-kwalunkwe kuntratt ta' akkwist pubbliku b'valur li jilħaq jew li jaqbeż l-ammonti ("il-limiti stabbiliti") stipulati fil-Ftehim u espressi bħala drittijiet specjalji ta' prelevament.
- (2) Wieħed mill-ghannejet tad-Deciżjona 2014/24/UE huwa li l-awtoritajiet kontraenti li jaapplikaw dik id-Direttiva jkunu jistgħu, fl-istess waqt, jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fil-Ftehim. F'konformità mal-Artikolu 6(1) tad-Deciżjona 2014/24/UE, kull sentejn il-Kummissjoni trid tiverifikasi li l-limiti stabbiliti għall-kuntratti pubbliċi u għall-kompetizzjonijiet tad-disinn stipulati fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 4 ta' dik id-Direttiva, jikkorrispondu għal-limiti stabbiliti fil-Ftehim. Billi l-valur tal-limiti stabbiliti kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 6(1) tad-Deciżjona 2014/24/UE huwa differenti mill-valur tal-limiti stabbiliti fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 4 ta' dik id-Direttiva, jeħtieġ li dawn il-limiti stabbiliti jiġu riveduti. F'konformità mal-Artikolu 6(2) tad-Deciżjona 2014/24/UE, il-limiti stabbiliti fl-Artikolu 13 ta' dik id-Direttiva jridu jiġu allinjati mal-limiti stabbiliti fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 4 ta' dik id-Direttiva.
- (3) Għalhekk jenħtieġ li d-Deciżjona 2014/24/UE tiġi emmendata skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### Artikolu 1

Id-Deciżjona 2014/24/UE hija emmendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 4 huwa emmendat kif ġej:
  - (a) fil-punt (a), "EUR 5 548 000" huwa sostitwit b"EUR 5 350 000";
  - (b) fil-punt (b), "EUR 144 000" huwa sostitwit b"EUR 139 000";
  - (c) fil-punt (c), "EUR 221 000" huwa sostitwit b"EUR 214 000";
- (2) L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 13 huwa emmendat kif ġej:
  - (a) fil-punt (a), "EUR 5 548 000" huwa sostitwit b"EUR 5 350 000";
  - (b) fil-punt (b), "EUR 221 000" huwa sostitwit b"EUR 214 000".

(¹) ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65.

(²) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/115/UE tat-2 ta' Diċembru 2013 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern, (ĠU L 68, 7.3.2014, p. 1).

(³) ĠU L 68, 7.3.2014, p. 2.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jaapplika mill-1 ta' Jannar 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ottubru 2019.

*Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Jean-Claude JUNCKER*

---